IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 125/24
il-Lussemburgu, 12 ta' Awwissu 2024

# Il-Qorti Ġenerali tal-UE ssir kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' domandi preliminari f'sitt oqsma speċifiċi

*L-implimentazzjoni ta' dan it-trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Ġenerali hija l-kontinwazzjoni tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea u ser tikkonċerna d-domandi preliminari magħmula mill-1 ta' Ottubru 2024*

Emenda importanti tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippubblikata llum f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [1] ser tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Settembru. Din l-emenda tipprevedi b'mod partikolari trasferiment parzjali tal-kompetenza preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Ġenerali, applikabbli mill-1 ta' Ottubru 2024. Dan it-trasferiment jikkonċerna sitt oqsma speċifiċi: is-sistema komuni tal-VAT, id-dazji tas-sisa, il-kodiċi doganali, il-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija, il-kumpens u l-assistenza lill-passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu jew fil-każ ta' dewmien jew kanċellazzjoni ta' servizzi ta' trasport u l-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Barra minn hekk, l-emenda tal-Istatut tipprevedi estensjoni tal-mekkaniżmu ta' ammissjoni minn qabel tal-appelli mill-1 ta' Settembru 2024.

Din ir-riforma għandha l-għan li tħaffef il-volum ta' xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tad-deċiżjonijiet preliminari u li tippermettilha tkompli twettaq, fi żmien raġonevoli, il-missjoni tagħha li tiżgura l-osservanza tad-dritt fl-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tat-Trattati. Fl-2001, l-awturi tat-Trattat ta' Nice kienu pprevedew il-possibbiltà ta' involviment tal-Qorti Ġenerali fit-trattament ta' ċerti talbiet għal deċiżjoni preliminari, mingħajr ma l-Istatut kien ġie adattat għal dan l-għan minn dak iż-żmien. Madankollu, matul dawn l-aħħar ħames snin, ġiet ikkonstatat żieda strutturali u sinjifikattiva fil-kawżi [2]. Dan l-iżvilupp kellu miegħu żieda fil-kumplessità u fis-sensittività tal-kawżi li jirrigwardaw, b'mod partikolari, kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali jew marbuta mad-drittijiet fundamentali. Ir-riforma ser tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tiffoka fuq il-missjoni tagħha li tipproteġi u ssaħħaħ l-unità u l-koerenza tad-dritt tal-Unjoni. Min-naħa tagħha, il-Qorti Ġenerali hija f'pożizzjoni li tassorbi dan l-ammont ta' xogħol addizzjonali u ser tittratta d-domandi preliminari li ser jintbagħtulha b'mod li toffri lill-qrati nazzjonali u lill-persuni kkonċernati l-istess garanziji bħal dawk applikati mill-Qorti tal-Ġustizzja.

Ir-riforma tikkonsisti essenzjalment fi tliet komponenti, li l-punti ewlenin tagħhom huma deskritti hawn taħt.

***Trasferiment parzjali tal-ġurisdizzjoni preliminari lill-Qorti Ġenerali***

L-ewwel parti tar-riforma tirrigwarda **t-trasferiment tal-kompetenza li tingħata deċiżjoni preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja lill-Qorti Ġenerali**, li għandha żewġ Imħallfin għal kull Stat Membru. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, it-trasferiment **jikkonċerna biss sitt oqsma** ddefiniti b'mod ċar, li jistgħu jiġu sseparati biżżejjed minn oqsma oħra u li taw lok għal ġabra importanti ta' ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali ser issir kompetenti sabiex tagħti deċiżjoni dwar talbiet għal deċiżjoni preliminari li jaqgħu esklużivament taħt waħda jew iktar mis-sitt oqsma speċifiċi li ġejjin:

1. is-sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud;

2. id-dazji tas-sisa;

3. Il-Kodiċi Doganali;

4. il-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda;

5. il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu jew ta’ dewmien jew kanċellazzjoni ta’ servizzi tat-trasport;

6. l-iskema għall-iskambju ta’ kwoti ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra.

Dawn l-oqsma rarament iqajmu kwistjonijiet ta’ prinċipju li jistgħu jaffettwaw l-unità jew il-koerenza tad-dritt tal-Unjoni. Huma diġà jibbenefikaw minn ġurisprudenza rikka tal-Qorti tal-Ġustizzja, li għandha tippermetti lill-Qorti Ġenerali tibbaża ruħha fuq is-sentenzi mogħtija preċedentement. Dawn l-oqsma jgħoddu għal madwar 20 % tar-rinviji għal deċiżjoni preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li jirrappreżenta numru ta’ kawżi suffiċjentement kbir sabiex jiġi prodott tnaqqis reali fl-ammont ta’ xogħol tagħha. B’hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista’ tiffoka iktar fuq il-kompiti tagħha ta’ qorti kostituzzjonali u suprema tal-Unjoni.

**Il-Qorti tal-Ġustizzja ser tibqa’ kompetenti** sabiex tieħu konjizzjoni ta’ talbiet għal deċiżjoni preliminari li, għalkemm marbuta mal-oqsma speċifiċi msemmija iktar ‘il fuq, ikunu jirrigwardaw ukoll oqsma oħra. Hija ser tibqa’ wkoll kompetenti għat-talbiet għal deċiżjoni preliminari li, għalkemm jaqgħu taħt qasam speċifiku wieħed jew iktar, iqajmu kwistjonijiet indipendenti ta’ interpretazzjoni: 1) tad-dritt primarju, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, 2) tad-dritt internazzjonali pubbliku jew 3) tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali tkun tista’ wkoll tibgħat lill-Qorti tal-Ġustizzja kawża li taqa’ taħt il-kompetenza tagħha, iżda li titlob deċiżjoni ta’ prinċipju li tkun tista’ taffettwa l-unità jew il-koerenza tad-dritt tal-Unjoni.

Għal raġunijiet ta’ ċertezza legali u ta’ ħeffa, **kull talba għal deċiżjoni preliminari għandha titressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja** sabiex hija tiddetermina, skont il-modalitajiet speċifikati fir-Regoli tal-Proċedura tagħha, jekk it-talba taqax esklużivament taħt qasam speċifiku wieħed jew iktar partikolari u, għaldaqstant, jekk din it-talba jkollhiex tintbagħat lill-Qorti Ġenerali. Bil-għan ta’ ċertezza legali u ta’ trasparenza, il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali ser tesponi fil-qosor, fid-deċiżjoni preliminari tagħha, ir-raġunijiet li għalihom hija jkollha kompetenza sabiex tieħu konjizzjoni tad-domanda preliminari.

***Żviluppi applikabbli għall-kawżi kollha għal deċiżjoni preliminari***

It-tieni parti tar-riforma tinkludi żewġ żviluppi previsti mir-regolament li jemenda l-Istatut, li ser japplikaw għat-talbiet għal deċiżjoni preliminari kollha, irrispettivament mill-qasam ikkonċernat u indipendentement mill-kwistjoni tat-trasferiment eventwali tagħhom lill-Qorti Ġenerali.

Fl-ewwel lok, kif diġà huwa l-każ għall-Istati Membri kollha u għall-Kummissjoni, it-talbiet kollha għal deċiżjoni preliminari minn issa ’l quddiem ser jiġu nnotifikati lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Bank Ċentrali Ewropew sabiex ikunu jistgħu jiddeterminaw jekk ikollhomx interess partikolari fid-domandi mqajma u jekk ikunux iridu, konsegwentement, jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jippreżentaw noti jew osservazzjonijiet bil-miktub.

Fit-tieni lok, sabiex tissaħħaħ it-**trasparenza u l-ftuħ** tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari, u tippermetti komprensjoni fehim aħjar tad-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja u mill-Qorti Ġenerali, huwa previst li, fil-kawżi preliminari kollha, in-noti jew l-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati minn persuna kkonċernata msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut **ser jiġu ppubblikati fis-sit internet tal-Qorti tal-Ġustizzja** f’terminu raġonevoli **wara l-għeluq tal-kawża**, sakemm din il-persuna kkonċernata ma topponix il-pubblikazzjoni tan-nota jew tal-osservazzjonijiet tagħha.

***L-estensjoni, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, tal-mekkaniżmu ta’ ammissjoni minn qabel tal-appelli***

It-tielet parti tar-riforma hija intiża li tippreżerva l-effikaċja tal-proċedura tal-appell mid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali, fid-dawl tan-numru kbir ta' appelli ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Sabiex tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonċentra fuq l-appelli li jqajmu punti ta' liġi importanti, **il-mekkaniżmu ta' ammissjoni minn qabel tal-appelli [3] qiegħed jiġi estiż għal deċiżjonijiet oħra mogħtija mill-Qorti Ġenerali**.

Il-mekkaniżmu ta' ammissjoni minn qabel mill-Qorti tal-Ġustizzja jikkonċerna l-appelli f'kawżi li jkunu diġà bbenefikaw minn eżami doppju, l-ewwel minn Bord tal-Appell indipendenti ta' korp jew organu tal-Unjoni, imbagħad mill-Qorti Ġenerali. Attwalment dan il-mekkaniżmu jikkonċerna d-deċiżjonijiet mogħtija minn erba' Bordijiet tal-Appell u sussegwentement ikkontestati quddiem il-Qorti Ġenerali li jissemmew fl-Artikolu 58a ta-Istatut (ara l-punti 1 sa 4 hawn isfel). Bl-emenda ta-Istatut li ser tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Settembru, ser jiżdiedu sitt bordijiet tal-appell indipendenti ġodda mal-erbgħa attwali, li ser iżid it-totali tagħhom għal għaxra. Dawn huma l-Bordijiet tal-Appell ta':

1. l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (Alicante, Spanja)
2. l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO) (Angers, Franza)
3. l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) (Ħelsinki, il-Finlandja);
4. l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) (Köln, il-Ġermanja), li magħhom ser jiżdiedu l-Bordijiet tal-Appell ta':
5. l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) (Ljubljana, is-Slovenja);
6. il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) (Brussell, il-Belġju);
7. l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) (Pariġi, Franza);
8. l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) (Pariġi, Franza);
9. l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) (Frankfurt am Main, il-Ġermanja);
10. l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA) (Valenciennes, Franza).

Barra minn hekk, il-mekkaniżmu ta' ammissjoni minn qabel ser ikun applikabbli għal appelli li jiġu ppreżentati minn deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar deċiżjoni ta' bord ta' appell indipendenti, stabbilit wara l-1 ta' Mejju 2019 fi ħdan kwalunkwe korp jew organu ieħor tal-Unjoni, li jkunu irid jiġi adit qabel ma jiġi ppreżentat rikors quddiem il-Qorti Ġenerali.

Fl-aħħar nett, dan il-mekkaniżmu qiegħed jiġi estiż ukoll għall-kawżi dwar l-eżekuzzjoni ta' kuntratti li jinkludu klawżola ta' arbitraġġ. Fil-fatt, tali kawżi jeħtieġu biss, ta' spiss, min-naħa tal-Qorti Ġenerali, l-applikazzjoni fil-mertu tal-kawża tad-dritt nazzjonali li għalih tirreferi l-klawżola ta' arbitraġġ.

L-estensjonijiet tal-mekkaniżmu ta' ammissjoni minn qabel tal-appelli ser ikunu applikabbli mill-1 ta' Settembru 2024.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ✆ (+352) 4303 3355.

**Ibqgħu konnessi!**

[1] Regolament (UE, Euratom) 2024/2019 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' April 2024 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti

tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

[2] Ara Stqarrija Nru 59/24.

[3] Fuq l-istabbiliment fl-2019 tal-mekkaniżmu ta' ammissjoni minn qabel tal-appelli, ara Stqarrija Nru 53/19.